

# Ħal Luqa: Aspetti Soċjali u Demografiċi (Ċensiment Nazzjonali 2011)


**Dr Mario Cassar**
*Ph.D. (Maltese Studies)*


## Introduzzjoni

L-aħħar ċensiment nazzjonali, dak tas-sena 2011, kien is-sbatax-il wieħed mill-1842 'l hawn. Id-data uffiċjali allokata għal dan iċ-ċensiment kienet l-20 ta' Novembru 2001. Il-popolazzjoni ta' Malta kienet ta' 417,432 (207,625 raġel u 209,807 nisa), kważi d-doppju tal-enumerazzjoni ta' seklu qabel.[1] Min-nies ta' sittax-il sena 'l fuq, 56.2% kienu miżżewġin. Kważi nofs in-nies enumerati fiċ-ċensiment kellhom impjieg li jrendi. In-numru ta' barranin kien ilaħħaq l-20,289 (4.9%).[2] In-numru ta' djar privati (households) kien ta' madwar 153,000 li fihom kienu jabitaw 408,783 ruħ.[3] In-numru ta' djar vojta (inkluż id-djar ta' villeġġjatura) kien ilaħħaq il-71,080.

Iċ-ċensimenti tal-lum huma elaborati u sofistikati ħafna; apparti li jiġbru informazzjoni fuq il-popolazzjoni u d-distribuzzjoni demografika tal-pajjiż, huma interessati wkoll li jitfgħu dawl fuq il-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi tal-poplu, anki fuq livell reġjonali u lokali. L-indikazzjonijiet ewlenin li ħarġu minn dan iċ-ċensiment kienu: (a) popolazzjoni li kulma jmur qed tkompli tixjieħ,[4] (b) ix-xejra favur familji iżgħar, u (ċ) iż-żieda sostanzjali ta' djar okkupati minn persuna waħda.[5]

Iċ-ċensimenti, normalment, isiru kull għaxar snin. L-aħħar ċensiment ta' qabel dan kien dak tal-2005, u allura suppost kellu jsir ieħor fl-2015. Madankollu, sabiex Malta tikkonforma man-normi tal-Unjoni

1 Fl-1911 il-popolazzjoni ta' Malta kienet ta' 211,564.
2 L-akbar numri ta' barranin kienu reġistrati f'San Pawl il-Baħar (3,023) u Tas-Sliema (2,095).
3 Barra minn dawn kien hemm ukoll 255 lok istituzzjonali; dawn jinkludu d-djar tal-anzjani u ta' nies b'xi diżabilità, iċ-ċentri ta' riabilitazzjoni (fosthom il-ħabs), iċ-ċentri tar-refuġjati, u l-kunventi tal-ordnijiet reliġjużi. Fihom kienu joqogħdu 8,649 ruħ.
4 In-numru ta' nies li għandhom 65 jew aktar jirrappreżentaw 16.3% tal-popolazzjoni.
5 Min-numru totali ta' djar li hawn Malta, 34,637 (22.6%) huma okkupati minn persuna waħda.

Ewropea, sar ċensiment fl-2011 (erba' snin qabel iż-żmien); dan ifisser li issa jmiss li jsir ċensiment ieħor fl-2021.

Għal raġunijiet ta' komputazzjoni ġeografika, il-lokalitajiet kollha tal-Gżejjer Maltin ġew aggregati f'sitt distretti. Ħal Luqa kien jagħmel parti mill-Ewwel Distrett, magħruf bħala d-Distrett tan-Nofsinhar tal-Port *(Southern Harbour)*, flimkien ma' Bormla, il-Fgura, il-Furjana, Ħal Tarxien, Ħaż-Żabbar, il-Kalkara, il-Marsa, Raħal Ġdid, Santa Luċija, l-Isla, il-Belt Valletta, il-Birgu, u x-Xgħajra.

## Il-popolazzjoni ta' Ħal Luqa

Il-popolazzjoni ta' Ħal Luqa f'Novembru 2011 kienet tlaħħaq l-5,911, komparata mas-6,072 reġistrata fiċ-ċensiment tal-2005.[6] Din kienet it-tieni darba konsekuttiva li n-numru ta' nies fir-raħal naqas.[7] Ta' min jgħid li ċ-ċifra attwali tinkludi r-residenti tal-Isptar San Vinċenz (ca. 1,100 ruħ) u allura l-popolazzjoni vera tar-raħal hija viċin l-4,800.

Billi l-arja ta' Ħal Luqa hija ta' 6.72 km kwadru, id-densità hija ta' 879 persuna għal kull km kwadru.[8] F'Ħal Luqa ngħadd li kien hawn 89 barrani (45 raġel u 44 mara). Għaldaqstant, 1.5% tal-abitanti biss mhumiex ċittadini Maltin, ħafna anqas mill-perċentwal nazzjonali.

Skont iċ-ċensiment, 52.8% tan-nies li joqogħdu Ħal Luqa huma nisa (3,123), filwaqt li 47.2% huma rġiel (2,788). Il-predominanza tas-sess femminili tixhed it-tendenza ġenerali fil-pajjiż, imma, f'dan ir-rigward, Ħal Luqa għandu perċentwal 'il fuq mill-medja nazzjonali, hekk li l-Imdina biss għandha perċentwal ogħla (55.2%). Fit-tielet post insibu Tas-Sliema (52.5%).

Il-popolazzjoni ta' Ħal Luqa skont l-etajiet:

| Età | Irġiel | Nisa | Total |
|---|---|---|---|
| 0–9 | 197 | 170 | 367 |
| 10–19 | 294 | 283 | 577 |
| 20–29 | 407 | 340 | 747 |
| 30-39 | 315 | 274 | 589 |
| 40–49 | 331 | 320 | 651 |
| 50–59 | 428 | 388 | 816 |
| 60–69 | 383 | ? | 771 |
| 70–79 | 227 | 371 | 598 |
| 80–89 | 181 | 464 | 645 |
| 90–99 | 25 | 120 | 145 |
| 'il fuq minn 99 | 0 | 5 | 5 |
| | Total: 2,788 | Total: 3,123 | Total: 5,911 |

6 L-aktar tliet lokalitajiet popolati f'Malta huma Birkirkara (21,749), il-Mosta (19,750), u San Pawl il-Baħar (16,395). L-iżgħar post huwa l-Imdina, b'popolazzjoni ta' 239.

7 Popolazzjoni ta' Ħal Luqa mill-1901: 1901 – 3,670, 1911 – 3,945, 1921 – 3,607, 1931 – 4,059, 1948 – 4,318, 1957 – 5,382, 1967 – 5,413, 1985 – 5,585, 1995 – 6,150, 2005 – 6,072.

8 Id-densità tal-Gżejjer Maltin hija ta' 1,325 persuna għal kull km kwadru. Il-lokalità bl-aktar densità sfiqa hija l-Isla.

## Età medja

L-età medja tal-Maltin hija ta' 40.5 sena (41.6% għan-nisa u 39.4% għall-irġiel). L-età medja tan-nisa hija superjuri, sintendi, għaliex ġeneralment jgħixu aktar mill-irġiel. Ħal Luqa huwa t-tielet l-ixjeħ lokalità f'Malta, b'medja ta' 48.2. L-Imdina (52.4) u l-Furjana (48.4) biss għandhom medja ogħla. Madankollu, hawnhekk wieħed irid bilfors jirrimarka li l-età medja ta' Ħal Luqa dejjem tidher għolja minħabbba r-residenti anzjani tal-Ingieret, li ħafna minnhom jaqbżu l-65 sena.

## Djar

F'Malta kollha kien hawn 152,980 dar privata. Kull dar, għalhekk, kienet tħaddan medja ta' 2.7 persuni. F'Ħal Luqa kien hawn 2,335 dar; madankollu, minn dawn 1,786 (76.5%) biss kienu okkupati. Mill-bqija, 34 (1.5%) kienu abitazzjonijiet sekondarji jew okkażjonali, waqt li 515 (22.1%) kienu vojta għal kollox.[9] Minn dawn id-djar, 931 għandhom bir.

Id-djar okkupati skont in-numru ta' persuni li jgħixu fihom:

| Numru ta' persuni | Numru ta' djar |
|---|---|
| 1 | 379 |
| 2 | 480 |
| 3 | 411 |
| 4 | 373 |
| 5 | 101 |
| 6 jew aktar | 43 |
| | Total: 1,787[10] |

Id-djar okkupati skont iż-żmien meta nbnew:

| Data ta' meta nbnew | Numru ta' djar |
|---|---|
| 1918 jew qabel | 174 |
| 1919–1945 | 219 |
| 1946–1970 | 478 |
| 1971–1990 | 571 |
| 1991–2000 | 203 |
| 2001–2011 | 141 |
| | Total: 1,786 |

9 Fl-2005 f'Ħal Luqa kien hawn biss 295 dar vojta.
10 Id-diskrepanza bejn 1,787 u 1,786 tinsab fir-rapport oriġinali tal-NSO.

Id-djar okkupati skont id-dritt tal-pussess:

| Dritt tal-pussess | Numru ta' djar |
|---|---|
| Djar f'idejn min joqgħod fihom *(freehold)* | 1,200 |
| Djar bil-kera tal-art | 166 |
| Djar mikrija (unfinished) | 311 |
| Djar mikrija (finished) | 51 |
| Djar miżmuma b'ċens | 9 |
| Djar użati mingħajr ħlas | 49 |
| | Total: 1,786 |

Id-djar kollha skont it-tipoloġija Ingliża:

| Tip ta' dar | Numru ta' djar |
|---|---|
| *Terraced house/Townhouse* | 1,293 (967)[11] |
| *Semi-detached* | 19 (17) |
| *Fully-detached* | 15 (14) |
| *Maisonette/Ground floor tenement* | 599 (531) |
| *Flat/Apartment/Penthouse* | 375 (241) |
| *Farmhouse* | 23 (9) |
| Oħrajn | 11 (7) |
| | Total: 2,335 (1,786) |

Id-djar kollha skont l-istat li jinsabu fih:

| Kundizzjoni | Numru ta' djar |
|---|---|
| F'kundizzjoni tajba | 1,461 (1,321)[12] |
| Bżonn ta' tiswijiet maġġuri | 449 (357) |
| Bżonn ta' tiswijiet minuri | 235 (71) |
| Bżonn ta' tiswijiet serji | 73 (35) |
| Fi stat ta' rovina | 7 (2) |
| Shell | 110 (0) |
| | Total: 2,335 (1,786) |

L-aktar 'familji' komuni kienu dawk komposti minn żewġ membri jew tlieta (480 u 411 rispettivament).[13] Il-maġġoranza tad-djar f'Ħal Luqa huma pjuttost moderni, hekk li 43% minnhom inbnew bejn l-1971 u s-sena 2000. Il-fatt li 1,200 dar huma

11 Fil-parentesi jidher in-numru ta' djar okkupati.
12 Fil-parentesi jidher in-numru ta' djar okkupati.
13 It-terminu 'familja' f'dan l-artiklu qed jintuża f'sens wiesa' ħafna. Dar okkupata minn persuna waħda ukoll qed titqies bħala 'familja' fis-sens ta' *household*.

proprjetà tal-familji li jgħixu fihom huwa sinjal ċar ta' affluwenza. Il-maġġoranza tal-Ħalluqin (54%) jgħixu f'*terraced house*. Il-maġġornaza tad-djar jinsabu f'kundizzjoni tajba.

## Litteriżmu, edukazzjoni, u kwalità tal-ħajja

Fl-2011, ir-rata nazzjonali ta' litteriżmu kienet ta' 93.6% (għal persuni ta' 'l fuq minn 10 snin). Għaldaqstant, ir-rata ta' illiteriżmu kienet ta' 6.4%. F'Ħal Luqa kien hawn 5,544 persuna li kellhom minn tal-anqas 10 snin. Minn dawn, 4,864 (87.7%) kienu litterati, filwaqt li 680 (12.3%) kienu illitterati. Ir-rata ta' analfabetiżmu f'Ħal Luqa, għalhekk, hija ħafna ogħla mir-rata nazzjonali. Għal darb'oħra, il-kaġun ta' dan il-fenomenu negattiv huwa n-numru kbir ta' anzjani li hemm San Vinċenz. L-uniċi lokalitajiet li għandhom rata ogħla ta' illitteriżmu f'Malta huma l-Marsa, Bormla, u l-Belt Valletta. B'xorti ħażina, ir-rapport finali taċ-ċensiment ma jinkludix informazzjoni fuq l-livell edukattiv tal-abitanti f'kull lokalità; minflok jipprovdi biss statistika fuq livell nazzjonali u distrettwali. Għaldaqstant s'issa m'għandniex tagħrif fuq kemm, pereżempju, hawn Ħalluqin li gawdew minn edukazzjoni terzjarja.

Kif għedna f'Ħal Luqa kien hawn 1,786 dar mgħammra. Kollha, mingħajr eċċezzjoni, kellhom provvista tal-ilma. Il-maġġoranza assoluta tad-djar (1,784, 1,777 u 1,778 rispettivament) kienu jinkludu toilet, kċina (jew imqar *kitchenette*), kif ukoll banju (jew *shower*).

Il-kwalità tajba tal-ħajja hija riflessa wkoll mill-fatt li 1,774 tal-familji għandhom friġġ (jew *fridge-freezer*); 1,748 għandhom cooker; 1,726 għandhom sett tat-TV; 1,663 għandhom magna tal-ħasil; 1,651 għandhom servizz tat-telefon; 1,146 għandhom *computer* jew *laptop*, 1,132 għandhom aċċess għall-internet; waqt li 886 dar huma armati bl-arja kkondizzjonata mqar f'kamra waħda.

Aktar xhieda ta' affluwenza tidher mill-fatt li 560 familja għandhom il-garaxx tagħhom (117 għandhom aktar minn wieħed), filwaqt li 190 familja għandhom garaxx bil-kiri (19 għandhom aktar minn garaxx wieħed mikri).

## Kunjomijiet

Iċ-ċensiment tal-2011 irreġistra madwar 19,000 kunjom differenti fil-Gżejjer Maltin. Minn dawn kien hemm eluf ta' kunjomijiet doppji *(double-barrelled surnames)* li, minħabba l-liġijiet ġodda taż-żwieġ, aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qed isiru komuni. F'Ħal Luqa, madankollu, 74 persuna biss kellhom kunjom doppju. Mill-bqija, l-5,837 l-oħra kellhom biss kunjom wieħed.

L-aktar ħames kunjomijiet komuni f'Ħal Luqa huma dawn:

Camilleri – 244 persuna (4.1% tal-popolazzjoni Ħalluqija)
Farrugia – 215 persuna (3.6%)
Spiteri – 198 persuna (3.3%)
Zammit – 170 persuna (2.9%)
Borg – 167 persuna (2.8%)

Madankollu, l-aktar kunjom marbut ma' Ħal Luqa huwa ċertament Penza – 41.7% tal-Maltin kollha b'dan il-kunjom joqogħdu fir-raħal. Kunjom tipiku ieħor huwa Costa – 10.6% tal-Maltin kollha b'dan il-kunjom joqogħdu r-raħal.

NOTA TA' KRETTU: Il-parti l-kbira tal-informazzjoni miġjuba f'dan l-artiklu hija misluta mir-rapport finali intitolat *Census of Population and Housing* 2011, maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ta' Malta (NSO) fl-2014.

Mejju 2015